

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/434**tal-25 ta' Frar 2023****li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK ⁽¹⁾.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Frar 2023, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna determinata tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU. Il-Kunsill Ewropew tenna wkoll li l-Unjoni tinsab lesta li tkompli ssaħħaħ il-miżuri restrittivi tagħha kontra r-Russja u ddikjara li l-miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni ser jissaħħu.
- (4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, u b'risposta għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa xieraq li jiġu introdotti aktar miżuri restrittivi.
- (5) B'mod partikolari, huwa xieraq li tiġi ristretta l-possibbiltà li jinżammu karigi fil-korpi governattivi tal-entitajiet kritiċi, kif definit fid-Direttiva (UE) 2022/2557 ⁽²⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fl-infrastruttura kritika Ewropea, kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE ⁽³⁾, u fl-infrastruttura kritika, kif definit fid-Direttiva 2008/114/KE u fid-Direttiva (UE) 2022/2557. L-infrastrutturi u l-entitajiet kritiċi, bħala fornituri ta' servizzi essenzjali, għandhom rwol indispensabbli x'jaqdu fiż-żamma ta' funzjonijiet tas-soċjetà jew attivitajiet ekonomiċi vitali fis-suq intern f'ekonomija tal-Unjoni dejjem aktar interdipendenti. L-influenza tar-Russja f'tali infrastrutturi u entitajiet tista' tipperikola l-funzjonament tajjeb tagħhom u fl-aħħar mill-aħħar tikkostitwixxi periklu għall-għoti ta' servizzi essenzjali liċ-ċittadini Ewropej.
- (6) Il-qafas tal-Unjoni dwar l-entitajiet u l-infrastrutturi kritiċi huwa stabbilit fid-Direttiva 2008/114/KE, li hija mħassra b'effett mit-18 ta' Ottubru 2024, dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-infrastrutturi kritiċi Ewropej u d-Direttiva (UE) 2022/2557 dwar ir-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi bil-għan li jsaħħaħ ir-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi fis-suq intern permezz ta' regoli minimi armonizzati kif ukoll jassistihom permezz ta' appoġġ koerenti u dedikat u miżuri ta' superviżjoni. F'konformità mal-qafas legali attwali, il-projbizzjoni l-ġdida dwar li tkun okkupata kwalunkwe kariga fil-korpi governattivi tapplika sal-18 ta' Ottubru 2024 għall-infrastrutturi kritiċi Ewropej u l-infrastrutturi kritiċi, kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE, identifikati jew indikati bħala tali skont il-liġi nazzjonali. Mit-18 ta' Ottubru 2024, il-projbizzjoni l-ġdida ser tapplika għall-entitajiet kritiċi u l-infrastrutturi kritiċi, kif definiti fid-Direttiva (UE) 2022/2557. Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tistabbilixxi l-obbligu għall-Istati Membri li jidentifikaw sas-17 ta' Lulju 2026 fil-liġi nazzjonali tagħhom l-entitajiet kritiċi għas-setturi u s-subsetturi li jinsabu fl-Anness tagħha. Għalhekk, mis-17 ta' Lulju 2026, il-projbizzjoni l-ġdida dwar li tkun okkupata kwalunkwe kariga fil-korpi governattivi ser tikkonċerna l-entitajiet kritiċi kollha identifikati jew indikati bħala tali mill-Istati Membri.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

⁽²⁾ Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164).

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-infrastruttura kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75).

- (7) Huwa wkoll xieraq li jiġi pprojbit il-forniment ta' kapacià ta' ħżin tal-gass fl-Unjoni lil ċittadini Russi, persuni fiżiċi residenti fir-Russja jew persuni ġuridiċi jew entitajiet stabbiliti fir-Russja. Il-kapacià ta' ħżin tal-gass hija assi kritika għas-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni, u din il-projbizzjoni hija neċessarja sabiex jiġi evitat l-adattament għall-użu fil-gwerra tar-Russja tal-provvista tal-gass tagħha u r-riskji ta' manipulazzjoni tas-suq li jkun ta' detriment għall-provvista tal-enerġija kritika tal-Unjoni.
- (8) Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni u tiġi żgurata l-konformità mal-projbizzjoni fuq kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa proprjetà jew mikri b'lokazzjoni, jew ikkontrollat mod ieħor minn xi persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Russu milli jinżel fit-territorju tal-Unjoni, jew jitlaq minnu, jew jittajjar fuqu, huwa xieraq li jiġi introdott obbligu għal operatori tal-inġenji tal-ajru li jinnotifikaw titjiriet mhux skedati lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat jinforma immedjatament lill-Istati Membri l-oħra, lill-Maniġer tan-Network u lill-Kummissjoni meta ma jawtorizzax tali titjira.
- (9) Sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni ta' miżuri restrittivi, huwa wkoll xieraq li jiġi pprojbit it-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju u ta' armi esportati mill-Unjoni.
- (10) Huwa wkoll xieraq li jinżiedu 96 entrata fil-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi li jinsabu fl-Anness IV għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, jiġifieri l-lista ta' entitajiet li jappoġġaw direttament il-kumpless militari u industrijali tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna, li fuqhom huma imposti restrizzjonijiet aktar stretti fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju kif ukoll oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ teknoloġiku tar-Russja fis-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha. Filwaqt li titqies il-konnessjoni diretta bejn manifatturi Iranjani ta' Vettura tal-Ajru mingħajr Bdot Abbord u l-kumpless militari u industrijali Russu u r-riskju konkret li ċerti oġġetti jew teknoloġija tintuża għall-manifattura ta' sistemi militari li jikkontribwixxu għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, diversi entitajiet Iranjani jenħtieġ li jinżiedu ma' dik il-lista.
- (11) Huwa adatt ukoll li tiġi estiża s-sospensjoni tal-liċenzji tax-xandir fl-Unjoni ta' strumenti tal-media Russi taħt il-kontroll permanenti tat-tmexxija Russa u l-projbizzjoni kontra x-xandir tal-kontenut tagħhom.
- (12) Il-Federazzjoni Russa impenjat ruħha f'kampanja sistematika u internazzjonali ta' manipulazzjoni tal-media u distorsjoni tal-fatti sabiex issaħħaħ l-istrategġija tagħha ta' destabilizzazzjoni tal-pajjiżi ġirien tagħha, u tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. B'mod partikolari, il-propaganda kienet immirat ripetutament u konsistentement lejn il-partiti politiċi Ewropej, speċjalment matul il-perjodi elettorali, kif ukoll lejn is-soċjetà ċivili, lil dawk il-persuni li jfittxu l-ażil, il-minoranzi etniċi Russi, il-minoranzi tal-ġeneru u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha.
- (13) Sabiex tiġi ġustifika u tappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, il-Federazzjoni Russa impenjat ruħha f'azzjonijiet ta' propaganda kontinwi u konċertati mmirati lejn is-soċjetà ċivili fl-Unjoni u l-pajjiżi ġirien, li jgħawġu u jimmanipulaw b'mod gravi l-fatti.
- (14) Dawk l-azzjonijiet ta' propaganda għaddew minn għadd ta' strumenti tal-midja taħt il-kontroll permanenti dirett jew indirett tat-tmexxija tal-Federazzjoni Russa. Tali azzjonijiet jikkostitwixxu theddida sinifikanti u diretta għall-ordni pubbliku u s-sigurtà tal-Unjoni. Dawn l-istrumenti tal-media huma essenzjali u strumentali biex imexxu 'l quddiem u jappoġġaw l-aggressjoni kontra l-Ukrajna, u għad-destabilizzazzjoni tal-pajjiżi ġirien tagħha.
- (15) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, u b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa neċessarju, b'mod konsistenti mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali rikonnoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari mad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni kif rikonnoxxut fl-Artikolu 11 tagħha, li jiġu introdotti aktar miżuri restrittivi biex jiġu sospiżi l-attivitajiet tax-xandir ta' tali strumenti tal-midja fl-Unjoni, jew diretti lejn l-Unjoni. Il-miżuri jenħtieġ li jinżammu sakemm tintemm il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, u sakemm il-Federazzjoni Russa, u l-mezzi tal-media assoċjati tagħha, jieqfu jwettqu azzjonijiet ta' propaganda kontra l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

- (16) B'mod konsistenti mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari mad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà ta' intrapriża u d-dritt għall-proprjetà kif rikonoxxuti fl-Artikoli 11, 16 u 17 tagħha, dawk il-miżuri ma jżommux lil dawk il-mezzi tal-media u l-persunal tagħhom milli jwettqu attivitajiet oħra fl-Unjoni minbarra x-xandir, bħar-riċerka u l-intervisti. B'mod partikolari, dawk il-miżuri ma jimmodifikawx l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, inkluż fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u fil-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri, fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom.
- (17) L-Unjoni hija impenjata li tevita theddidiet għas-sikurezza marittima. Konsegwentement, huwa xieraq li jiġu introdotti ċerti eżenzjonijiet għall-operaturi tal-Unjoni biex jipprovdu servizzi ta' pilotaġġ lil bastimenti f'passaġġ innoċenti kif definit mid-dritt internazzjonali li huma neċessarji għal raġunijiet ta' sikurezza marittima.
- (18) Sabiex tiżgura ċ-ċertezza legali dwar it-trattament ta' importazzjonijiet, huwa wkoll xieraq li jiġu previsti regoli dwar ir-rilaxx mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' oġġetti li jkunu fiżikament fl-Unjoni u li kienu diġà ppreżentati lill-awtoritajiet doganali meta saru soġġetti għal tali restrizzjonijiet. Din il-possibbiltà tapplika irrispettivament mill-proċeduri li taħthom l-oġġetti tqiegħdu wara l-preżentazzjoni lid-dwana (tranżitu, ipproċessar attiv, rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, eċċ.) jew mill-passi u l-formalitajiet proċedurali skont il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni neċessarji għar-rilaxx. Huwa xieraq ukoll li l-Istati Membri jiġu awtorizzati jirrilaxxaw oġġetti li diġà ddaħħlu fl-Unjoni fil-passat. Dan huwa neċessarju għall-benefiċċju tal-operaturi tal-Unjoni li daħħlu dawk l-oġġetti fl-Unjoni bona fide fi żmien li dawn kienu għadhom mhux soġġetti għal xi miżuri restrittivi fuq l-importazzjonijiet, inkluż meta l-importazzjoni tagħhom kien għadu jista' jsir matul perjodu ta' stralċ. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li r-rilaxx tal-oġġetti u kwalunkwe ħlas relatat miegħu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet u l-oġġettivi tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Bl-istess mod, kwalunkwe deċiżjoni li ma jiġux rilaxxati tali oġġetti jenħtieġ li tkun konformi ma' dawk l-oġġettivi u tiżgura, fost l-oħrajn, li l-oġġetti ma' jiġux ritornati lir-Russja.
- (19) Huwa wkoll xieraq li tiġi estiża l-lista ta' pajjiżi li qed japplikaw sett ta' miżuri ta' kontroll tal-esportazzjoni sostanzjalment ekwivalenti għal dawk li jinsabu fid-Deċiżjoni 2014/512/PESK.
- (20) Huwa wkoll xieraq li jiġu introdotti jew estiżi ċerti eżenzjonijiet jew derogi relatati ma' ċerti miżuri, kif ukoll li jsiru ċerti korrezzjonijiet tekniċi fit-test operattivi.
- (21) Tenħtieġ aktar azzjoni mill-Unjoni biex ċerti miżuri jiġu implimentati.
- (22) Għalhekk id-Deċiżjoni 2014/512/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/512/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1aa huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 3, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) tranżazzjonijiet, inkluż ix-xiri, li huma strettament neċessarji għall-istralċ, sal-31 ta' Diċembru 2023, ta' impriża konġunta jew arranġament legali simili konkluż qabel is-16 ta' Marzu 2022, li jinvolvi persuna ġuridika, entità jew korp imsemmi fil-paragrafu 1;”;

- (b) fil-paragrafu 3, jinżdied il-punt li ġej:

“(h) l-għoti ta' servizzi ta' pilotaġġ lil bastimenti f'passaġġ innoċenti kif definit mid-dritt internazzjonali li huma neċessarji għal raġunijiet ta' sikurezza marittima.”;

(c) il-paragrafu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3a. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, tranżazzjonijiet li huma strettament neċessarji għad-diżinvestiment u l-irtirar sal-31 ta' Diċembru 2023, mill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jew mis-sussidjarji tagħhom fl-Unjoni ta' persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fl-Unjoni.”;

(2) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

“Artikolu 1l

1. Għandu jkun ipprojbit mis-27 ta' Marzu 2023 biex nazzjonali Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja jkunu jistgħu jokkupaw kwalunkwe kariga fil-korpi governattivi tas-sidien jew tal-operaturi ta' infrastrutturi kritiċi, infrastrutturi kritiċi Ewropej u entitajiet kritiċi.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal nazzjonali ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera.

Artikolu 1m

1. Għandu jkun ipprojbit li tiġi pprovduta kapacià ta' ħżin, kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt 28 tar-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) f'faċilità ta' ħżin kif definit fl-Artikolu 2, il-punt 9 tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), ħlief għall-parti tal-faċilitajiet tal-gass naturali likwifikat (LNG) użati għall-ħżin, lil:

- (a) nazzjonal Russu, persuna fiżika li tirrisjedi fir-Russja, jew persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja;
- (b) persuna ġuridika, entità jew korp li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu; jew
- (c) persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu fisem jew skont id-direzzjoni ta' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-punt (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-operazzjonijiet li huma strettament neċessarji għat-terminazzjoni sas-27 ta' Marzu 2023 ta' kuntratti li mhumex konformi ma' dan l-Artikolu konklużi qabel is-26 ta' Frar 2023 jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt tali kundizzjonijiet li jqisu xierqa, il-provvista tal-kapacià ta' ħżin kif imsemmi fil-paragrafu 1 wara li jkunu ddeterminaw li huwa neċessarju biex tiġi żgurata l-provvista kritika tal-enerġija fl-Istat Membru kkonċernat jew fl-Unjoni jew f'partijiet minnha.

4. L-Istat Membru kkonċernat jew l-Istati Membri kkonċernati għandu/għandhom jinforma/jinformaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafu 3 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36).

(**) Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tirrevoka d-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).”;

(3) fl-Artikolu 3, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

“1a. It-tranżitu mit-territorju tar-Russja tal-oġġetti u t-teknoloġija b'użu doppju, kif imsemmi fil-paragrafu 1, esportati mill-Unjoni, għandu jkun ipprojbit.

3a. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821, il-projbizzjoni fil-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għat-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju maħsuba għall-finijiet stipulati fil-punti (a), sa (e) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

4a. B'deroga mill-paragrafu 1a, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija huma maħsuba għall-finijiet stipulati fil-punti (b), (c), (d) u (h) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.”;

(4) fl-Artikolu 3aa, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. It-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom, kif imsemmi fil-paragrafu 1, esportati mill-Unjoni, għandu jkun ipprojbit.”;

(5) fl-Artikolu 4d, jinżdied il-paragrafu li ġej:

“5c. Fir-rigward tal-oġġetti elenkati fil-Parti D tal-Anness XI għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sas-27 ta' Marzu 2023 ta' kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Frar 2023, jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.”;

(6) fl-Artikolu 4e, jinżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“5. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru ta' titjiriet mhux skedati bejn ir-Russja u l-Unjoni, operati direttament jew permezz ta' pajjiż terz, għandhom jinnotifikaw l-informazzjoni rilevanti kollha dwar it-titjira lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom qabel l-operazzjoni tagħhom, u mill-inqas 48 siegħa qabel.

6. Meta tiġi rrifjutata titjira nnotifikata f'konformità mal-paragrafu 5, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma minnufih lill-Istati Membri l-oħra, lill-Maniġer tan-Network u lill-Kummissjoni.”;

(7) l-Artikolu 4k huwa emendat kif ġej:

(a) jinżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“3d. Fir-rigward tal-oġġetti elenkati fil-Parti C tal-Anness XXI għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sas-27 ta' Mejju 2023 ta' kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Frar 2023, jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2803 u 4002 kif elenkati fil-Parti C tal-Anness XXI għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, li għalihom japplika l-paragrafu 3da ta' dan l-Artikolu.

3da. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport, jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata, neċessarji għall-importazzjoni fl-Unjoni, sat-30 ta' Ġunju 2024, tal-kwantitajiet li ġejjin:

(a) 752 475 tunnellata metrika għall-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2803;

(b) 562 973 tunnellata metrika għall-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 4002.”;

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. Il-kwoti ta' volum tal-importazzjoni stabbiliti fil-paragrafi 3da u 4 għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni għall-kwoti tariffarji prevista fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 (*).

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).”;

(8) L-Artikolu 4m huwa emendat kif ġej:

(a) jinżdied il-paragrafu li ġej:

“3c. Fir-rigward tal-oġġetti elenkati fil-Parti C tal-Anness XXIII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sas-27 ta' Marzu 2023 ta' kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Frar 2023, jew ta' kuntratti aċċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7208 25, 7208 90, 7209 25, 7209 28, 7219 24 kif elenkati fil-Parti C tal-Anness XXIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, li għalihom japplika l-paragrafu 3.”;

(b) il-paragrafu 4a huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4a. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, taħt tali kondizzjonijiet li jqisu xierqa, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8417 20, jew l-għoti tal-assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew l-għoti tal-assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu neċessarji għall-użu domestiku personali ta' persuni fiżiċi.”;

(c) jinżdied il-paragrafu li ġej:

“4b. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt tali kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti elenkati fil-Parti C tal-Anness XXIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jew assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa strettament neċessarju għall-produzzjoni ta' oġġetti tat-titanju meħtieġa fl-industrija tal-ajrunawtika, li għalihom ma tkun disponibbli l-ebda provvista alternattiva.”;

(d) il-paragrafu 5a huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5a. Meta jiddeċiedu dwar talbiet għal awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 4a, 4b u 5, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhom jagħtu awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lil ebda persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja, jekk ikollhom raġunijiet validi biex jemmnu li l-oġġetti jista' jkollhom użu aħħari militari.”;

(9) L-Artikolu 4r huwa emendat kif ġej:

(a) jinżdied il-paragrafu li ġej:

“2a. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 1k, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-kontinwazzjoni tal-għoti ta' servizzi elenkati fih sal-31 ta' Diċembru 2023 meta tali għoti ta' servizzi jkun strettament neċessarji għall-iżvestiment mir-Russja jew l-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) tali servizzi huma pprovduti lill-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi, u għall-benefiċċju esklużiv tagħhom, li jirriżulta mill-iżvestiment; u

(b) l-awtoritajiet kompetenti li jiddeċiedu dwar talbiet għal awtorizzazzjonijiet ma jkollhom l-ebda raġuni raġonevoli biex jemmnu li s-servizzi jistgħu jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, lill-Gvern tar-Russja jew utent aħħari militari jew ikollhom użu aħħari militari fir-Russja.”;

(b) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

“4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'xi awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 1, 2 jew 2a fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.”;

(10) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

“Artikolu 4s

Il-projbizzjonijiet dwar l-għoti ta' assistenza teknika stabbiliti f'din id-Deċiżjoni ma għandhomx japplikaw għall-għoti ta' servizzi ta' pilotaġġ lil bastimenti f'passaġġ innoċenti kif definit mid-dritt internazzjonali li huma neċessarji għal raġunijiet ta' sikurezza marittima.

Artikolu 4t

1. Għall-finijiet tal-projbizzjonijiet dwar l-importazzjoni ta' oġġetti previsti f'din id-Deċiżjoni, l-oġġetti fiżikament fl-Unjoni jistgħu jiġu rilaxxati kif previst fl-Artikolu 5, il-punt (26), tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (*) mill-awtoritajiet doganali dment li jkunu ġew ippreżentati lid-dwana f'konformità mal-Artikolu 134 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni qabel id-dħul fis-seħħ jew id-data tal-applikabbiltà tal-projbizzjoni tal-importazzjoni rispettivi, skont liema tkun l-aktar reċenti.
2. Il-passi proċedurali kollha neċessarji għar-rilaxx imsemmi fil-paragrafi 1 u 5 tal-oġġetti rilevanti skont il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni għandhom ikunu permessi.
3. L-awtoritajiet doganali ma għandhomx jippermettu r-rilaxx tal-oġġetti jekk ikollhom raġunijiet raġonevoli biex jissuspettaw ċirkomvenzjoni u ma għandhomx jawtorizzaw l-esportazzjoni mill-ġdid tal-oġġetti lejn ir-Russja.
4. Il-ħlasijiet relatati ma' tali oġġetti għandhom ikunu konsistenti mad-dispożizzjonijiet u l-oġġetti ta' din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari l-projbizzjoni fuq ix-xiri, u d-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
5. L-oġġetti fiżikament fl-Unjoni u ppreżentati lid-dwana qabel is-26 ta' Frar 2023 li twaqqfu fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu rilaxxati mill-awtoritajiet doganali skont il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).";

(11) l-Annessi huma emendati kif stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Il-punt 11 għandu japplika fir-rigward ta' waħda jew aktar mill-entitajiet imsemmija fil-punt (3) tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni mill-10 ta' April 2023 u dment li l-Kunsill, wara li jkun eżamina l-każijiet rispettivi, jiddeċiedi li jagħmel dan b'unanimità.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL

ANNEX

- (1) L-Annex IV tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNEX IV

Lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikoli 3(7), 3a(7) u 3b(1)

1. JSC Sirius
2. OJSC Stankoinstrument
3. OAO JSC Chemcomposite
4. JSC Kalashnikov
5. JSC Tula Arms Plant
6. NPK Technologii Maschinostrojenija
7. OAO Wysokototschnye Kompleksi
8. OAO Almaz Antey
9. OAO NPO Bażalt
10. Admiralty Shipyard JSC

11. Aleksandrov Scientific Research Technological Institute NITI
12. Argut OOO
13. Ċentru tal-komunikazzjoni tal-Ministeru għad-Difiża
14. Federal Research Center Boreskov Institute of Catalysis
15. Federal State Budgetary Enterprise of the Administration of the President of Russia
16. Federal State Budgetary Enterprise Special Flight Unit Rossiya of the Administration of the President of Russia
17. Federal State Unitary Enterprise Dukhov Automatics Research Institute (VNIIA)
18. Foreign Intelligence Service (SVR)
19. Forensic Center of Nizhniy Novgorod Region Main Directorate of the Ministry of Interior Affairs
20. International Center for Quantum Optics and Quantum Technologies (the Russian Quantum Center)
21. Irkut Corporation

22. Irkut Research and Production Corporation Public Joint Stock Company
23. Joint Stock Company Scientific Research Institute of Computing Machinery
24. JSC Central Research Institute of Machine Building (JSC TsNIIMash)
25. JSC Kazan Helicopter Plant Repair Service
26. JSC Shipyard Zaliv (Zaliv Shipbuilding yard)
27. JSC Rocket and Space Centre – Progress
28. Kamensk-Uralsky Metallurgical Works J.S. Co.
29. Kazan Helicopter Plant PJSC
30. Komsomolsk-na-Amur Aviation Production Organization (KNAAPO)
31. Ministry of Defence RF
32. Moscow Institute of Physics and Technology
33. NPO High Precision Systems JSC
34. NPO Splav JSC

35. OPK Oboronprom
36. PJSC Beriev Aircraft Company
37. PJSC Irkut Corporation
38. PJSC Kazan Helicopters
39. POLYUS Research Institute of M.F. Stelmakh Joint Stock Company
40. Promtech-Dubna, JSC
41. Public Joint Stock Company United Aircraft Corporation
42. Radiotechnical and Information Systems (RTI) Concern
43. Rapart Services LLC
44. Rosoboronexport OJSC (ROE)
45. Rostec (Russian Technologies State Corporation)
46. Rostekh – Azimuth
47. Russian Aircraft Corporation MiG

48. Russian Helicopters JSC
49. SP KVANT (Sovmestnoe Predpriyatie Kvantovye Tekhnologii)
50. Sukhoi Aviation JSC
51. Sukhoi Civil Aircraft
52. Tactical Missiles Corporation JSC
